Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 55/1995/1

**Mario Dingli**

**vs**

**Gladys Vella**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi l-

partijiet kienu gharajjes u kellhom hsieb li jizzewgu;  illi fil-kors ta' din l-gherusija l-attur kien ghamel diversi spejjez u ta lill-konvenuta diversi rigali bil-hsieb taz-zwieg, fosthom curkett tal-valur ta' elfejn mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2,500) kif ukoll diversi oggetti ohra kif jigi pruvat tul il-kors tat-trattazzjoni ta' dina l-kawza;  illi l-gherusija ta' bejn il-partijiet thassret unikament tort u htija tal-konvenuta, u certament minghajr ebda tort u htija da parti ta' l-attur;  illi l-konvenut(a) hija ghalhekk obbligata li tirritorna lill-attur l-oggetti u rigali lilha moghtija bil-hsieb taz-zwieg;  talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex:  1.  tikkundanna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur ir-rigali lilha minnu maghmula bil-hsieb ta' zwieg u dan minhabba t-thassir tal-gherusija ezistenti bejniethom;  2.  in difett tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur il-valur rapprezentanti l-istess fuq imsemmija oggetti li jigi likwidat okkorendo b'opera ta' periti nominandi;  bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni u b'rizerva ta' kull dritt tal-attur ghar-rizarciment tad-danni minhabba thassir ta' l-gherusija;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:
Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li kien l-attur stess li kkaguna t-thassir ta' l-gherusija kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta illi permezz taghha, wara illi ppremettiet illi l-kontendenti kienu gharajjes;  illi din l-gherusija thassret minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-attur;  illi minhabba t-thassir ta' l-gherusija hija soffriet hsara konsistenti principalment fl-ispejjez inkorsi minnha ghall-okkazjoni ta' l-gherusija, b'riceviment, ilbies, ecc ghall-okkazjoni u spejjez ohra inkorsi minnha;  illi wkoll matul l-gherusija, hija kienet ghamlet rigali u spejjez ohra lill-attur bil-hsieb taz-zwieg;  talbet ghaliex dik

il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara u tiddeciedi li l-gherusija bejn il-kontendenti thassret ghal ragunijiet imputabbli ghall-attur; 2. konsegwentement tikkundanna lill-attur ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi likwidata in rizarciment tad-danni sofferti minnha htija tal-konvenut (*recte*: ta' l-attur); 3. tikkundanna ukoll lill-attur biex jirritornalha r-rigali maghmula minnha matul l-gherusija, u fin-nuqqas il-valur taghhom kif jigi likwidat okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-13 ta' Awissu 1994, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta illi permezz taghha eccepixxa:

Illi huwa bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-ksur ta' l-gherusija ghal liema kienet responsabbli l-konvenuta;

Illi konsegwentement ghalhekk huwa mhux responsabbli ghall-hlas ta' danni kif reklamati mill-istess konvenuta anzi hija hi li ghandha thallsu d-danni u tirritornalu r-rigali lilu moghtija;

Illi dwar it-tielet talba huwa jirrileva li meta huwa offra li jatiha lura r-rigali li hija tatu, hija qaltlu biex jahraqhom u ghalhekk assuma li hija ma ridithomx lura u ma jifhimx ghalhekk is-sens ta' dina l-ahhar talba u fi kwalsiasi kaz huwa jkun pront li jirritornalha r-rigali li tatu hekk kif tirritornalu r-rigali li taha, fuq liema ritorn ta' rigali huwa qieghed jinsisti fi kwalsiasi kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza tat-tletin (30) ta' April, 2001 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur; dwar il-kontro-talba tal-konvenuta din qed tigi milqugha fis-sens fuq indikat biss, spejjez ghall-attur";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Illi l-partijiet pprezentaw l-*affidavit* rispettivi taghhom u xehdu in kontroezami fil-Qorti. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien tah lill-konvenuta *engagement ring* b’valur ta’ elfejn, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2,250) (fol 72); imsielet valur erba’ mija u sittin lira Maltin (Lm460) (fol. 72); curkett valur mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm245) (fol 71); u ghamel spejjez ohra. Minn naha l-ohra l-konvenuta xehdet li ghamlet spejjez ta’ *reception* ta’ l-gherusija mitejn u sittax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm216.20) oltre hamsin lira Maltin (Lm50) li hareg missierha. Il-konvenuta qed titlob ukoll ir-ritorn tar-rigali li kienet tat lill-attur u danni mhabba t-thassir ta’ l-gherusija.

“Dwar rigal[i] li nghataw mill-partijiet u danni li qed jippretendu ma ngabu ebda provi u jidher li mhux qed issir insistenza mill-partijiet dwar dana. Il-Qorti qed tifhem li t-talba ta’ l-attur u l-insistenza tieghu hi principalment fuq ir-ritorn ta’ l-*engagement ring* cioè ir-rigal li kellu certu valur, f’dan il-kaz elfejn, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2,250). Fuq l-*items* l-ohra jirrizulta li z-zewg partijiet taw rigali lil xulxin u l-konvenuta ghamlet spejjez ukoll tar-*reception*.

“Dwar il-kwistjoni tal-*engagement ring* il-Qorti ma tistax tiddeciedi jekk ic-curkett ghandux jigi ritornat jekk ma tidholx fil-kwistjoni tal-htija ta’ min thassar l-gherusija.

“Il-Ligi taghna titkellem fuq hekk fl-artikoli li gejjin:
**1808.** (1) Ir-rigali li l-wiehed mill-gharajjes jaghmel lill-iehor, fl-okkazjoni taz-zwieg, jibqghu ta’ dak il-wiehed mill-gharajjes li ghamilhom, u jitqiesu moghtijin lill-iehor sabiex jinqeda bihom biss matul iz-zwieg, ghalkemm fil-kunsinna ta’ dawk ir-rigali jkun gie wzat kliem li jista’ jfisser donazzjoni, izda dan kemm-il darba ma jkunx jidher mill-kitba taz-zwieg li dawn l-oggetti gew moghtija b’donazzjoni.

(2) Dan il-jedd ta’ l-uzu tar-rigali hawn fuq imsemmija jispicca fil-kaz ta’ firda tar-ragel u l-mara bi htija ta’ min fosthom ikun ircieva dawk ir-rigali.

**1809.** (1) Kull donazzjoni maghmula mill-gharajjes b'kontemplazzjoni ta' zwieg, jew bil-kitba taz-zwieg, sew lil xulxin jew minn wiehed mill-gharajjes lill-iehor, m'ghandhiex effett jekk iz-zwieg ma jsirx.

(2) Izda, id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jghoddux, u d-donatarju jista' jzomm il-hwejjeg moghtija lilu b'donazzjoni, jekk iz-zwieg ma jsirx ghaliex id-donatur, minghajr raguni tajba, ma jkunx irid jaghmel dan iz-zwieg; bla hsara tal-jedd tad-donatarju ghad-danni taht id-disposizzjonijiet tal-Ligi dwar Weghdiet ta' Zwieg.

"Inoltre mill-gurisprudenza ta' Qrati taghna jidher li c-curkett ta' l-gherusija anke jekk ghandu minn natura ta' kapparra japplika ghalih l-artikolu 1809 tal-Kodici Civili u mhux biss izda f'kaz li jinhall iz-zwieg ghandu jigi ritornat lil min ikun tah (App Civ *Brincat vs Borg* 16/11/1942; PA *Cassar vs Cordina* 30/10/1934; PA *Galea vs Galea* 30/1/1950).

"Tikkunsidra

"Fil-kaz in ezami l-attur xehed li hu u l-konvenuta kienu sar[u] jafu lil xulxin fl-1991. F'Awissu, 1993 kienu tgharrsu u kellhom hsieb li jizzewgu fl-1996. Imbaghad f'April, 1994 kienet cemplet il-konvenuta u kienet hassret l-gherusija. Hu qal li ma jafx ir-raguni ghaliex il-konvenuta hassret.

"Fil-fatt il-konvenuta fl-*affidavit* taghha u anke *viva voce* fil-Qorti spjegat x'kienet ir-raguni principali ghaliex hija hassret l-gherusija. Ir-raguni ewlenija kienet li l-attur ma kienx cert mir-relazzjoni taghhom u kull darba li hija kienet tinsisti biex tigi fissata definittivament id-data taz-zwieg, l-attur kien juri ruhu titubanti. Il-konvenuta semmiet ragunijiet ohra fosthom kwistjoni ta' mard, insensitività ta' l-attur lejha u nuqqas ta' hegga ghax-xoghol, li lkoll flimkien mar-raguni principali fuq imsemmija, ta' incertezza dwar ir-relazzjoni taghhom u d-data taz-zwieg, gieghluha li ccempel lill-attur u tghidlu li ma setghetx tkompli hekk. Hu kellu erbghin (40) sena dak iz-zmien u

hija tletin (30) sena u ma setghetx tibqa' tistenna, ghax iz-zmien kien ghaddej.

"Il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenuta kellha raguni tajba ghaliex thassar l-gherusija u fic-cirkostanzi, u fid-dawl ukoll li hija mhiex ser tircievi l-ebda danni, c-curkett tal-*engagement* ghandu jibqa' ghandha."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… li dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha thassar u tirrevoka l-precitata sentenza tat-30 ta' April, 2001 fil-kawza fl-ismijiet premessi u b'hekk tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet u kontro-talba tal-konvenuta tilqa t-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuta";

Rat ir-risposta ta' l-attrici illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi l-appell jigi michud u illi s-sentenza appellata tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-attur appellant kontra s-sentenza appellata huwa s-segwenti:
1. Illi, fi kliem ir-rikors ta' appell, "… l-Ewwel Onorabbli Qorti … applikat il-ligi hazin billi injorat l-ezistenza tal-Kapitolu 5 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 1233 tal-Kodici Civili";

2. Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell, "… is-sentenza hija … zbaljata in kwantu bbazat ruha fuq il-kwistjoni ta' htija mentri skond il-ligi il-punt importanti huwa ir-rifjut li wiehed jiccelebra z-zwieg …";

3. Illi, kuntrarjament ghal dak illi jinghad fis-sentenza appellata, l-attur ma kellux tort ghat-thassir ta' l-gherusija;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta’ l-appellant mhux fondat ghaliex il-Kapitolu 5 tal-Ligijiet ta’ Malta, intitolat “Ligi dwar Weghdiet ta’ Zwieg” mhux applikabbli ghall-kaz in ezami - u, per konsegwenza, mhux applikabbli l-Artikolu 1233 (precizament l-inciz (g) tas-subartikolu wiehed (1) tieghu) tal-Kodici Civili - peress illi, apparti konsiderazzjonijiet ohra, dik il-parti tal-Kapitolu 5 illi b’xi mod tista’ tkun rilevanti ghall-kaz odjern, jigifieri l-Artikolu 3, tikkontempla azzjoni ghar-rizarciment ta’ danni f’kaz ta’ thassir ta’ gherusija u, minn naha wahda, l-azzjoni attrici mhix wahda ghar-rizarciment ta’ danni u, min-naha l-ohra, ghalkemm permezz tat-tieni (2) talba rikonvenzjonali l-konvenuta qed titlob likwidazzjoni ta’ danni u illi l-attur jigi kundannat ihallas dawn id-danni, fis-sentenza appellata jinghad illi l-konvenuta ma ressqet ebda prova dwar dawn id-danni u illi ma jidhirx illi l-istess konvenuta qed tinsisti dwarhom;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, meta fit-tieni (2) aggravju tieghu l-appellant jghid testwalment: “… is-sentenza hija … zbaljata in kwantu bbazat ruha fuq il-kwistjoni ta’ htija mentri skond il-ligi l-punt importanti huwa r-rifjut li wiehed jiccelebra z-zwieg” huwa kien qed jirreferi ghal dak illi jiddisponi l-Artikolu 1809(2) tal-Kodici Civili. Dan premess, u fuq l-iskorta ta’ dak stabbilit fis-sentenza illi sejra tigi citata immedjatament, it-tieni (2) aggravju ta’ l-appellant huwa nfondat. Infatti, fis-sentenza ta’ dina l-Qorti tat-tmintax (18) ta’ Gunju, 1945 fil-kawza fl-ismijiet *Giovanni Vassallo vs Violet Camilleri* - citata mill-appellata fir-risposta taghha ghar-rikors ta’ appell - gie ritenut illi b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 1570 ta’ l-Ordinanza VII ta’ l-1868 - illum l-Artikolu 1809 tal-Kodici Civili - id-dotonatarju jista’ jzomm il-hwejjeg moghtija lilu b’kontemplazzjoni taz-zwieg, inkluz ic-curkett ta’ l-gherusija, jekk l-gherusija tithassar bi htija tad-donant. Fl-imsemmija sentenza jinghad hekk:

"Illi … hemm rigali li skond l-art. 1569 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 [l-Art. 1808 tal-Kodici Civili] ghandhom jibqghu ta' proprjetà ta' min jaghmel ir-rigal …; izda dawn huma totalment distinti minn dawk id-donattivi, veri donazzjonijiet fis-sens guridiku tal-kelma, li wiehed mill-gharajjes jaghmel lill-iehor; ghax in riferenza ghal dawn, il-proprjetà tghaddi immedjatament mid-donant ghad-donatarju. Allura ghal dawn isir applikabbli l-Art. 1570 [Art. 1809 tal-Kodici Civili], anki fit-tieni paragrafu tieghu, fil-kaz li l-gherusija thassret minhabba htija tad-donanti. …

Illi fuq l-'engagement ring', dan ghandu n-natura tal-kapparra. … bhala [kapp]arra, skond in-natura taghha, huwa applikabbli l-Art. 1570 fuq imsemmi, ghax dik hija precizament in-natura ta' l-arra, illi l-oggett jibqa' ghand il-parti li rceviet dik l-arra jekk ir-reziliment sar ingustament minghand il-parti l-ohra" (sottolinear ta' dina l-Qorti kif komposta);

Inoltre, dina l-Qorti ma tistax tifhem kif fl-aggravju tieghu in ezami l-attur appellant qed jippretendi illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tibbaza ruhha fuq il-htija ghat-thassir ta' l-gherusija in kwistjoni meta fl-att ta' citazzjoni odjern l-attur ippremetta - u bbaza t-talbiet tieghu fuq din il-premessa - illi "… l-gharusija ta' bejn il-partijiet thassret unikament tort u htija tal-konvenuta, u certament minghajr ebda tort u htija da parti ta' l-attur" (sottolinear ta' dina l-Qorti), u fil-kontro-talba l-konvenuta ppremettiet "… illi din l-gherusija thassret minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur";

Ghall-kompletezza, tajjeb illi jinghad illi dina l-Qorti hija tal-fehma illi l-gherusija bejn il-kontendenti, ghalkemm thassret mill-konvenuta appellata, thassret ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attur appellant;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) aggravju ta' l-appellant jammonta ghal sottomissjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Dan l-aggravju mhux fondat ghaliex dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha

prodotti, taqbel pjenament mal-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti illi, kif ghadu kemm inghad fil-paragrafu ta' qabel dan, l-gherusija ta' bejn il-kontendenti thassret bi htija unika ta' l-attur;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------